# Il-Għodwa

## *Dun Karm*

Ix-xemx tielgħa! Liema ħeġġa,
Liema ferħ ma' kullimkien!
Isellmulha l-art u s-sema
Lis-sultana tal-ħolqien.

Lewn il-warda d-dija tagħha
Timla s-sħab, tmiss il-għoljiet,
Fuq ir-rħula, fuq ir-raba'
Tixħet bewsa mis-smewwiet.

Ix-xemx tielgħa! Qalb is-siġar
Jibda l-għana tal-għasfur;
Dlonk jittajjar, jifli rixu,
Bil-ferħ qalbu qiegħda tfur.

Tibda l-għanja tan-nissieġa,
Tibda l-għajta tal-bejjiegħ;
Mat-triqat in-nies tixtered,
Jibda x-xogħ'l wara l-mistrieħ.

Bil-moħriet – is-sikka tiddi
Bħala fidda – fuq spallejh,
Jew bl-imgħażqa l-bieżel bidwi
Lejn il-għalqa jmidd riġlejh.

Tisma' l-leħen tal-inkwina,
It-twerżiqa tas-serrieq,
Iż-żarżira tar-raddiena,
B'daqq il-watar tidwi t-triq.

Kollox jarġa' jieħu l-ħajja
Hekk kif tarġa' fuqna x-xemx;
Tifraħ biha l-ħlejjaq kollha,
Min ma jħossha fl-art ma hemmx.

Fuq id-dudu li jitkagħweġ
Qalb it-trab, fuq il-ħaxix;
Sa fil-qiegħ tal-baħar tinżel,
Rokna mdallma ma tħallix.

Inberkuk, ja xemx, ja bidu
Ta' kull hena tal-ħlejqiet:
Jekk int sbejħa, xi jkun Alla
Illi qiegħdek fis-smewwiet?



## Taħriġ- Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq il-poeżija.

1. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba:

It-tema ewlenija f'din il-poeżija hi:

(a) L-eżistenza tal-bniedem,

(b) In-natura u l-ambjent Malti,

(ċ) Il-problemi tan-negozju.

2. Ikkwota żewġ versi li jirriflettu t-tema li għażilt.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3a. Sib eżempju ta' personifikazzjoni u kkwota l-vers fejn tinsab.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

b. X'inhu l-effett li jinħoloq permezz tagħha?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4a. Sib asindeto u kkopja l-vers kollu fejn tinsab.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

b. X'inhu l-effett li jinħoloq permezz tagħha?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5a. X'inhu t-ton tal-poeta f'din il-poeżija?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

b. Agħti tliet raġunijiet għat-tweġiba tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6a. Agħżel titlu ieħor għal din il-poeżija.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. Spjega r-raġuni għall-għażla tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Ikkwota vers li fih lingwaġġ sensorjali.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8a. Ikkwota l-versi li fihom jitħaddmu l-klajmaks u l-mistoqsija retorika.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. Spjega l-effett li ried joħloq il-poeta bl-użu tal-mistoqsija retorika.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

9a. Sib u kkwota tliet versi li fihom tispikka l-kultura tradizzjonali tal-poplu Malti.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. Spjega x'effett għandha fuq dawn l-aspetti kulturali x-xemx fl-għodwa.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

10. Agħti tliet raġunijiet għaliex din il-poeżija titqies Romantika.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

11a. Spjega l-metrika tal-poeżija.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

b. Ikkummenta għaliex il-metrika użata toqgħod tajjeb għal din il-poeżija.

_______________________________________________________________

______________________________________________________________

12. Ikkummenta dwar l-element bijografiku ta' Dun Karm f'din il-poeżija.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

13. Analizza l-mod kif tħossok tirrelata, jew ma tirrelatax mal-poeżija, billi tirrifletti u tirreferi għall-effetti li tħalli fuqek.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________